**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Hussein Hamada**

Numru: 41/2013

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Hussein Hamada**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Aly Abdelkhalek Abdelaa u Ansaf neé Abd El-Ghany, imwieled Alexandria Egittu, nhar l-20 ta' Ottubru 1988 u residenti fil-fond Sydney, Flat 4, Triq ta' Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25216(A), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u f'postijiet ohra f'Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar id-29 ta' Novembru 2011 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. u hekk kif sussegwentement gie emendat;

6. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Ordni tal-Avukat Generali *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "FT 2" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 16).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-iStqarrija Guramentata rilaxxata minn Louise Agius (Dok. "JA 1" – *a fol.* 62 *et seq.*).

Rat l-iStqarrija Guramentata rilaxxata minn Clayton John Farrugia (Dok. "JA 2" – *a fol.* 86 *et seq.*)

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 167 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara, u dana b'riferenza ghall-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, li din kienet imputazzjoni li tirrigwarda *trafficking by sharing*.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 167 *et seq.*), lill-imputat jammetti l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 167 *et seq.*), lill-imputat jinforma lill-Qorti li huwa kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dana b'mod partikolari fir-rigward tal-ahhar zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegbhu.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 167 *et seq.*), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq u b'hekk iddikjarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 170 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 169) fejn il-Qorti tat zmien lid-difiza sal-15 ta' Mejju 2015 sabiex tkun tista' thejji n-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub, liema

Nota kellha tigi notifikata lill-Prosekuzzjoni li kellha zmien sat-30 ta' Gunju 2015 sabiex tipprezenta r-Replika, jekk thoss il-htiega li taghmel dan.

Rat id-Digriet datat 9 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 173).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 175) fejn il-Qorti ghamlitha cara li d-difiza kellha tipprezenta n-Nota Responsiva taghha sal-10 ta' Lulju 2015.

Rat in-Nota ta' Sottomissjoni tad-difiza pprezentata fid-9 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 176 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 181) fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza talbu lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi *stante* li l-imputat ammetta l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet konfermata minnu, u ghaldaqstant jirrizulta li dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacentement pruvati, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel riferenza **BISS** ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni fir-rigward tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 20 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li gie nfurmat bih mill-ufficjali tal-Pulizija bejn is-6 u s-7 ta' April 2013. Filwaqt li ghamel riferenza ghad-dokumenti li kienu diga jiffurmaw parti mill-atti processwali, huwa ezebixxa numru ta' dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "FT 5" sa "FT 9" (*a fol.* 24).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' April 2013 (*a fol.* 50) fejn meta gie muri Dok. "FT 11" (*a fol.* 39 *et seq.*) ikkonferma li

Hussein Hamada msemmi fid-dokument in kwistjoni huwa l-imputat fil-kawza odjerna. Qal li dan il-persuna kien gie arrestat minnu u kien inghata l-helsien mill-arrest nhar id-29 ta' Novembru 2011 skond il-kundizzjonijiet li jirrizultaw mid-dokument msemmi.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 25 *et seq.*) rigward l-*update* fir-rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 27 *et seq.*).[1]

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' April 2013 ghall-habta tas-1.00am kien mar flimkien ma' PS 715 u PC 870 sabiex jassistu lill-Pulizija tad-distrett fejn il-heliport, f'Ghawdex. Jghid li kien hemm ukoll PS 820, PS 1053 u WPC 109 li kienu waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBG 068 li fiha kien hemm tlitt persuni, wiehed minnhom kien l-imputat u kif ukoll certu Louise Agius u Clayton Farrugia.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 870 Ruben Farrugia** (*a fol.* 32 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 138 Joseph Portelli.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 34) fejn qal li fis-7 ta' April 2013 kien prezenti waqt l-investigazzjoni relatata mal-imputat, kif ukoll ma' Clayton Farrugia u Louise Agius. Jghid li l-imputat indika li l-gurnata ta' qabel kienu abbuza mid-droga u li kienu wzaw *cover* ta' DVD.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed **PS 820 Jonathan Vella** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn kkonferma r-rapport li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JV 1" (*a fol.* 45 *et seq.*).[2]

Illi, fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehdet ukoll **WPC 109 Frances Portelli** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn qalet li fis-7 ta' April 2013 ghall-habta tas-1.00am kienet qieghda *patrol* flimkien ma' PS

---

[1] Dan huwa l-istess bhal Dok. "JV 1" (*a fol.* 45 *et seq.*).
[2] Dan huwa l-istess bhal Dok. "LG 1" (*a fol.* 27 *et seq.*).

820 u li kienu qeghdin qrib it-triq li taghti ghall-heliport f'liema mument raw vettura li fiha kien hemm, fost l-ohrajn, l-imputat.

**Ikkunsidrat**

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Wahda mill-Kundizzjonijiet tal-Helsien Mill-Arrest):**

Illi, fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li f'din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu permezz ta' digriet moghti fid-29 ta' Novembru 2011.

Illi l-Qorti tinnota li vera kopja tad-digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hawn fuq imsemmija jinsabu mmarkati fl-atti processwali bhala Dok. "FT 11" (*a fol.* 39 *et seq.*). Il-Qorti semghet lill-iSpettur Frank Anthony Tabone (*a fol.* 50) jixhed li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawza li fiha Hussein Hamada kien inghata dak id-digriet. Huwa identifika lil Hussein Hamada bhala l-imputat f'dawk il-proceduri kif ukoll li kien l-istess persuna li inghatawlu l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak id-digriet. Huwa identifika lill-imputat prezenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew. L-unika haga hija li l-Prosekuzzjoni donnha ma ghamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identità għall-fini tar-recidiva u l-prova li trid titressaq fil-kaz li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet ghall-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest. F 'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx

fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Recidiva):**
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat (Dok. "FT 10" (*a fol.* 37 *et seq.*) u Dok. "FT 12" (*a fol.* 122 *et seq.*)). Dawn iz-zewg sentenzi jikkontjenu l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw liema konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. M'hemmx dubju li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' jekk l-imputat ghandux jitqies li huwa recidiv taht Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li fiz-zewg sentenzi li gew ezebiti mill-Prosekuzzjoni fl-atti processwali, l-imputat gie kkundannat ihallas multa. Mill-atti processwali, u anke minn harsa lejn il-fedina penali (Dok. "FT 1" – *a fol.* 8 *et seq.*) tal-imputat, ma jirrizultax jekk dawn il-multi gewx imhallsa jew le u b'hekk ma jistghax jinghad jekk il-piena fil-konfront tal-imputat gietx skontata jew le kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[3]

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv biss taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni (taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss).

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fatt li, fir-rigward tal-

[3] *Vide* s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lydon Cutajar**

ewwel (1) imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li din tista' tigi kunsidrata bhala *trafficking by sharing*, il-fedina penali (Dok. "FT 1" – *a fol.* 8 *et seq.*) tal-imputat, il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni ma jistghax jinghad li hija wahda bikrija *stante* li din giet registrata fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 167 *et seq.*), u cioé tnejn u ghoxrin (22) xahar wara li l-imputat tressaq taht arrest. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati ghandha tkun dik ta' hlas ta' multa u li l-imputat ghandu jigi kundannat terminu ta' prigunerija liema terminu jkun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni, wara li rat Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u l-Ewwel (1) Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u r-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939) kif sussegwentement emendati ssib lill-imputat Hussein Hamada hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1000.00), tikkundannah ukoll ghall-perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati maghha li gew ezebiti f'dawn il-proceduri u dana taht il-harsien tar-Registratur.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€295.71).[4]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

[4] Dok. "GS 1" (*a fol.* 134 *tergo* u *a fol.* 156 *tergo*).